MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2009

Numru. 841/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Loreto Farrugia**

Illum 16 ta' Awwissu 2009

Il- Qorti,

Rat l- akkuzi migjuba kontra l- imsemmi Loreto Farrugia ta' 29 sena, iben Michael u Josephine nee' Grima, mwieled Pieta' nhar il-06/07/1980, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 320680M u residenti gewwa Sunrise Room Ta' Xurraf, Limiti tas-Siggiewi jew numru 41 Josmike Triq ix-Xghir, Haz-Zebug Malta.

1. Talli fil-15 ta’ Awissu 2009, ghal habta tal- 15:55hrs, gewwa Triq l-Iskola, Qrendi u aktar tard fil-waqt li kien qed jigi skortat lejn l-ghassa tal-Pulizija tal-Qrendi, bi vjolenza u b’theddid, giel lis-surgent tal-Pulizija PS1227 Malcolm Pace u PC855 Malcolm Buttigieg, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq PS1227 Malcolm Pace u PC855 Malcolm Buttigieg, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz u dan bi kusr ta’ l-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hebb ghal-persuna ta’ PS1227 Malcolm Pace u PC855 Malcolm Buttigieg u kkagunalhom feriti ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Anthony Mifsud MD tac-centru tas-sahha Rahal Gdid, u dan ai termini tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f’uniformi tal-Pulizija ta’ PS1227 Malcolm Pace, liema hsarat ma jeccedux il-23.29 Euros (ghaxar Liri Maltin) ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta u/jew il-Gvern ta’ Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'radio tal-Pulizija tal-ghamla Kenwood mudell TK2160 bin-numru tas-serje 80800100 ta' PS1227 Malcolm Pace, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew il-Gvern ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi stieden ghall-glied lil PS1227 Malcolm Pace u PC855 Malcolm Buttigieg u ufficjali ohra tal-Pulzija.

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb minghajr ma darab ghall-Joanne Tonna minn Qormi;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, gab ruhu b'tali moghod li kkaguna biza lil Joanne Tonna li ser tintuza vjolenza, meta kien taf jew messu kien jaf li, b'tali mgieba, ser jikkaguna lil haddiehor biza u dan ai termini tal-artikolu 251B tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet leggittimi tal-Pulizija;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi offenda il-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-publiku

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f-lok publiku jew miftuh ghall-publiku kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista` jiehu hsieb tieghu innifsu.

13. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

14. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat storbju u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma kull piena li l’Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-artikoli 91, 95, 96, 98, 209, 221, 251B, 325(1)(b)(d), 388(bb)(dd)(ee)(ff), u 339(1)(a)(d) tal-Kapitolu 9 ta l-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 16 ta’ Awissu 2009 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-incident in kwistjoni, kif ukoll l-sfond “familjari” li fih sehh l-incident. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija wara li gie f’sensih kif ukoll l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn l-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat 91, 95, 96, 98, 209, 221, 251B, 325(1)(b)(d), 388(bb)(dd)(ee)(ff), u 339(1)(a)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet kollha

migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin, u ghal multa ta' mitejn Euro (Euro 200) li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28G ta'l-istess Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni, ghal perjodu ta' tlett snin, bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. U b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas is-somma ta' mija u ghoxrin Euro (Euro 120) lill-Kummissarju tal-Pulizija. U b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 ta'l-imsemmi Kapitolu 9, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Joanne Tonna, PS 1227 Malcolm Pace u PC 855 Malcolm Buttigieg torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elf Euro (Euro1,000) li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmija persuni.

Il-Qorti spejgat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-ordni ta' supervizzjoni jigu notifikati lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------